BirdLife
MALTA

# Bis-saħħa tal-pubbliku dan is-sajf ġew salvati numru rekord ta' frieħ tar-Rundun, li nħelsu wara li ngħataw l-għajnuna

## Proġett ta' BirdLife Malta jipprovdi postijiet ġodda fejn ibejjet ir-Rundun permezz ta' nest boxes mibnijin apposta

Dan is-sajf, BirdLife Malta rċeviet numru rekord ta' 10 Runduni (bejn Rundun *Common Swift*, u Rundun Kannelli *Pallid Swift*) li nstabu minn membri tal-pubbliku. Dawn il-frieħ, li nstabu barra mill-bejta, ingħataw kura 24 siegħa kuljum minn staff u voluntieri ta' BirdLife Malta sakemm ħadu lura saħħithom sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jinħelsu.

Kull sena, BirdLife Malta tirċievi numru kbir ta' għasafar feruti, u tul is-sajf, l-aktar għasfur komuni li jkun jinħtieġ l-għajnuna jkun ir-Rundun. Din l-ispeċi żżurna kull sena biex tbejjet fi nħawi bħall-Imdina, Tas-Sliema, San Ġiljan u San Ġwann.

Uħud mill-frieħ jaqgħu mill-bejta imma, kuntrarju għall-għasafar tal-bejt, il-ġenituri ta' dawn l-għasafar jabbandunawhom kompletament. Bis-saħħa tal-għajnuna mill-pubbliku, ħafna minn dawn l-għasafar żgħar jiġu mgħoddija lil BirdLife Malta u aħna mbagħad ikollna l-opportunità biex nieħdu ħsiebhom, sakemm ikunu kapaċi jfendu għal rashom.

Fis-selvaġġ, il-frieħ tar-Rundun jiġu mitmugħa regolarment, għalhekk aħna nkunu ppreparati biex nagħtuhom jieklu jkun xħin ikun, u anke biex niżguraw li jkunu kapaċi jtiru kif suppost, minħabba li l-frieħ tar-Rundun jibdew il-passa tagħhom lejn l-Afrika mill-ewwel malli jħallu l-bejta. Biex nagħmlu dan, inqattgħu ftit ħin wara kull ikla ngħinuhom jeżerċitaw il-ġwienaħ. Wara ġimagħtejn jew tlieta magħna, iż-żgħar tar-Rundun li spiċċaw taħt il-kura tagħna kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinħelsu fis-selvaġġ ħalli jibdew il-vjaġġ tagħhom lejn l-Afrika. Wara li waħħalnielhom ċurkett, inħelsu u issa nistennewhom lura fir-rebbiegħa li jmiss!

Tul l-aħħar għexieren ta' snin, il-popolazzjoni tar-Rundun li tbejjet f'Malta kompliet tiżdied u tinfirex madwar il-pajjiż. Jekk jibqa' jsib il-post adattat fejn ibejjet, fi ftit snin oħra r-Rundun kapaċi jsir għasfur li jbejjet b'mod regolari u mifrux matul is-sajf. Min-naħa tagħna aħna qed nipprovdu postijiet ġodda fejn dan l-għasfur jista' jbejjet bis-saħħa ta' proġett li għaddejjin bih bħalissa u li permezz tiegħu qed ninstallaw u nissorveljaw għadd ta' bejtiet artifiċjali (nest boxes) li huma mibnijin speċifikament għar-Rundun, apparti oħrajn immirati għal speċi differenti. Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Iskema ta' Finanzjament għall-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi.



BirdLife Malta tixtieq tirringrazzja lill-pubbliku talli qed jgħinna nsalvaw frieħ abbandunati. Membri tal-pubbliku li jsibu għasafar diżorjentati, feruti jew f'diffikultà huma ġentilment mitluba jikkuntattjawna fuq 2134 7645/6 fil-ħinijiet tal-uffiċċju, inkella fuq 7925 5697 barra l-ħinijiet tal-uffiċċju.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn:** https://we.tl/t-PJfBtXGXcZ

- Għażla ta' ritratti li tirrakkonta l-proċess tar-riabilitazzjoni tal-frieħ, sa xħin jiġu biex jinħelsu (Ritratti ta' BirdLife Malta)

**Niżżel il-filmati minn hawn (agħfas biex tiftaħ):** https://youtu.be/hu_H32oX-pY

- Ġurnata fil-ħajja tal-'ġenituri adottivi' ta' rundun (Filmati ta' BirdLife Malta, Sandra Maria Cuevas, Kinga Kupska u Veerle van Werde, muntaġġ ta' Kinga Kupska)

